**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 199**
**L-Erbgħa, 24 ta' Jannar, 2024 fl-4:00 p.m.**

**CONSERAVATORIO VINCENZO BUĠEJA - PROĠETT SOĊJALI FEJDA U ST JEANNE ANTIDE**

**12547. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid x' inhu l-għan primarju tal-Conseravatorio Vincenzo Bugeja, li fih insibu l-proġett soċjali Fejda u St Jeanne Antide, li jilqa' tfajliet bi sfidi soċjali? Jista' jgħid ukoll kemm iżomm residenti dan il-post u jelenka stejjer ta' suċċess li ġew rekordjati?

19/10/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li, l-Bord tat-tmexxija tal-Conservatorio Vincenzo Bugeja kien informa lill-Ministeru li ma kienx f'pożizzjoni li jkompli jagħti s-servizz ta' ***residential home*** għal tfajliet bi sfidi soċjali lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2023. Għaldaqstant, il-Ministeru flimkien mal-FSWS kellhom jagħmlu arranġamenti alternattivi. It-tfajliet issa qed jgħixu fi tliet id-djar f'ambjent aktar viċin dak ta' familja.

Seduta 199
24/01/2024

**MALTA FILM COMMISSION - ĦADDIEMA BARRANIN**

**12552. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn persuni barranin li jaħdmu mal-Malta Film Commission? Jista' jgħid ukoll kemm hemm ħaddiema mill-Unjoni Ewropea, kemm hemm minn pajjiżi terzi u mil-liema pajjiżi ġejjin?

19/10/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ħaddiema fil-Film Commission huma kollha ta' nazzjonalità Maltija.

Seduta 199
24/01/2024

**ABBOZZ TA' LIĠI - ŻMIEN TA' PRIĠUNERIJA GĦAR-REAT TA' STUPRU**

**12580. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk, jew sa meta ħa jkun ippubblikat l-Abbozz ta' Liġi biex il-minimu ta' snin ta' priġunerija stabbilit għar-reat ta' stupru jerġa' jitneħħa u jiġi kif kien sa ftit snin ilu?

20/10/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jispeċifika għal liem abbozz ta' liġi qed jirreferi.

Seduta 199
24/01/2024

**SKART MHUX RIĊIKLABBLI**

**12708. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tagħti lista fuq xiex jikkostitwixxi l-192,000 tunnellata ta' skart mhux riċiklabbli f'sena, li ħa jinħaraq fl-inċineratur tal-Magħtab?

24/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-impjant għandu l-kapaċità li jipproċessa diversi tipi ta' skart. Il-kategoriji primarji huma dawn li ġejjin: borża sewda, rejects minn proċessi oħra ta' WasteServ, skart goff li ma jistax jiġi riċiklat, RDF, injam mhux tajjeb għar-riċiklaġġ u tindif tat-toroq.

Seduta 199
24/01/2024

**MCAST - DROP OUTS MINN PERSUNI REĠISTRATI FL-IEU**

**12729. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm drop outs li seħħew minn persuni b'diżabbiltà li huma reġistrati fl-Inclusive Education Unit (IEU) li rreġistraw għal korsijiet tal-MCAST (inkluż dak mainstream) u li b'hekk komplew il-kors minn level 3 'il fuq, maqsuma sena b'sena għal dawn l-aħħar ħames snin?

25/10/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt;

| | 2019-2020 | 2020-2021 | 2021-2022 | 2022-2023 | 2023-2024 |
|---|---|---|---|---|---|
| Studenti ta' l-IEU li rriżenjaw minn Level 3 | 14 | 2 | 7 | 3 | 0 |
| Studenti ta' l-IEU li rriżenjaw minn Level 3 imma reġgħu daħlu Level 3 jew f'livell ogħla is-sena ta' wara | ma japplikax | 3 | 0 | 3 | 1 |

Seduta 199
24/01/2024

**SPTAR MATER DEI - OPERAZZJONIJIET GĦALL-OBEŻITÀ**

**12756. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru operazzjonijiet għall-obeżità ġewwa l-Isptar Mater Dei minn Jannar 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

25/10/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qegħda tinġabar u tingħata f'seduta oħra.

Seduta 199
24/01/2024

**PROMOZZJONI TAL-PROFESSJONI TAS-SOCIAL WORK – NEFQA**

**14053. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10898, jista' l-Ministru jgħid x'qed jagħmel il-Ministeru tiegħu (u mhux l-FSWS jew l-Università ta' Malta) biex tiġi promossa l-professjoni tas-social work u kemm huwa l-baġit allokat għal din il-promozzjoni?

04/12/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ġentilment ninforma lill-Onor Interpellanta li t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 199
24/01/2024

**STABBILIMENTI TA' NEGOZJU LI MA JUŻAWX POS**

**14054. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10758 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet u jgħid kemm hawn ħwienet jew stabbilimenti ta' negozju f'Malta li s'issa għadhom ma jużawx 'The Best Point-of-Sale' (POS) u allura jaċċettaw flus kontanti biss?

04/12/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma l-Onor. Interpellant li l-Amministrazzjoni tat-Taxxa u d-Dwana izzomm informazzjoni dwar negozji li bil-liġi tal-VAT għandhom l-obbligu li joħorġu riċevuta fiskali inkluz il-metodu ta' kif dawn in-negozji joħorġu l-imsemmija riċevuta fiskali.

Seduta 199
24/01/2024

**MEMBRI TAL-ĠUDIKATURA LI ŻARU L-ĦABS**

**14055. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm membri tal-Ġudikatura li żaru l-ħabs minn Jannar 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

04/12/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi membru wieħed mill-Ġudikatura żar il-ħabs f'dan il-perjodu.

Seduta 199
24/01/2024

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - HOMELESSNESS**

**14170. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jagħti d-definizzjoni ta' 'homelessness' kif hija mifhuma mill-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal?

11/12/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellanta li, ninsab infurmat li d-definizzjoni ta' ***homelessness*** użata mis-Servizz tal-Homeless tal-Aġenzija Appoġġ fi ħdan l-FSWS, hija s-segwenti:

"The **Homeless Service** collects information regarding service users across all FSWS services1 who reported one of the following forms of homelessness:

- Rooflessness: (people living rough - in the streets, abandoned buildings etc);
- Houselessness: (people in accommodation for the homeless, in accommodation for migrants, people due to be released from institutions and people receiving long-term support due to homelessness);
- Couch surfing: (people living temporarily with friends, sharing accommodation with others which is not secure); and
- At risk of homelessness/Inadequate housing (people living in insecure tenancies, under threat of eviction or violence, living in unfit housing, non-conventional dwellings or in situations of extreme overcrowding."

Ninsab infurmat ukoll li din id-definizzjoni hija bbażata u meħuda mid-definizzjoni wżata mill-***European Federation of National Organisations Working with the Homeless*** (***FEANTSA)***

Seduta 199
24/01/2024

**PERSUNI HOMELESS**

**14171. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn persuni li huma homeless bħalissa? Jista' jgħid ukoll kemm hawn persuni f'homeless shelters bħalissa?

11/12/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif qiegħed jinġabar.

Seduta 199
24/01/2024

**FEANTSA - KRITERJI**

**14172. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid meta l-Gvern biħsiebu jadotta l-kriterji tal-European Federation of National Organisations Working with the Homeless (FEANTSA), fir-rigward ta' homelessness, fil-liġi u għall-fini ta' statistika?

11/12/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellanta li, huwa l-**Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO*)*** li huwa l-entità responsabbli biex tiddeċiedi ma' liema kriterji statistiċi internazzjonali għandna naderixxu magħhom bħala pajjiż u għandhom allura jintużaw fir-rappurtaġġ statistiku li jsir.

Minkejja dan, nirreferi għat-tweġiba mogħtija għall - PQ 14170 li turi li l-FSWS tuża s-segwenti kriterji fejn jirrigwarda statistika dwar persuni bla dar (***homeless***):

*"The **Homeless Service** collects information regarding service users across all FSWS services1 who reported one of the following forms of homelessness:*

- *Rooflessness: (people living rough - in the streets, abandoned buildings etc);*
- *Houselessness: (people in accommodation for the homeless, in accommodation for migrants, people due to be released from institutions and people receiving long-term support due to homelessness);*
- *Couch surfing: (people living temporarily with friends, sharing accommodation with others which is not secure); and*
- *At risk of homelessness/Inadequate housing (people living in insecure tenancies, under threat of eviction or violence, living in unfit housing, non-conventional dwellings or in situations of extreme overcrowding."*

Dan juri li l-kriterji elenkati mis-servizz rispettiv tal-Aġenzija Appoġġ fi ħdan l-FSWS huma bbażati u meħuda mill-kriterji tal-FEANTSA. Wieħed jista' jidħol ukoll fis-sit uffiċċjali tal-FEANTSA, fejn jista' jara li d-definizzjoni u l-kriterji tagħha huma d-definizzjoni u kriterji li jimxi fuqhom is-Servizz tal-*Homeless* tal-Aġenzija Appoġġ.

Fl-aħħar nett, inżid ninforma lill-Onor. Interpellanta li, s-Servizz tal-*Homeless* tal-Aġenzija Appoġġ fi ħdan l-FSWS huwa membru tal-FEANTSA. Membri ta' dan is-servizz anki attendew konferenza dwar dan is-suġġett organizzat mill-***European Observatory on Homlessness*** fi ħdan l-istess FEANTSA fl-14 u l-15 ta' Settembru, 2023.

Seduta 199
24/01/2024

**KEMMUNA - PROĠETTI AMBJENTALI U INFRASTRUTTURALI**

**14215. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid xi proġetti ambjentali u infrastrutturali hemm ippjanati li jsiru ġewwa Kemmuna mill-Ministeru għal Għawdex matul is-sena 2024 u fiex jikkonsistu?

12/12/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jagħmel referenza għall-informazzjoni li ngħatat fil-mistoqsija parlamentari 14140.

Seduta 199
24/01/2024

**GĦAWDEX - IN-NADUR U R-RABAT - XOGĦLIJIET FUQ TRIQ**

**14380. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid meta hu maħsub li tinbena mill-ġdid it-triq li twassal minn Nadur għar-Rabat stante li l-aħħar li saret din it-triq kien fl-1988 u issa waslet biex tiġi mibnija mill-ġdid? Jista' jgħid jekk hemmx pjanijiet li din issir fis-sena 2024? Jekk le, jista' jgħid jekk sarux rapporti dwar l-istat ta' din it-triq u jekk iva min għamilhom u jqiegħed kopja tagħhom fuq il-Mejda tal-Kamra?

22/12/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru qiegħed iħejji l-pjanijiet biex Triq it-Tiġrija, Triq il-Qala u parti minn Triq Daħlet Qorrot li kollha huma fin-Nadur, jerġgħu jinbnew mill-ġdid.

Seduta 199
24/01/2024

**VETTURI TAL-GVERN**

**14388. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jipprovdi lista ta' numru ta' reġistrazzjoni (number plates) tal-vetturi li huma proprjetà tal-Gvern? Jista’ jagħti din l-informazzjoni maqsuma skont il-Ministeru u kif ukoll l-awtorità jew l-entità li jappartjenu?

26/12/2023

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninsab infurmat li biex tiġi kkompilata l-informazzjoni kollha kif mitlub, tinqabeż l-advisory cost limit.

Seduta 199
24/01/2024

**MARSAXLOKK – DELITTI RAPPURTATI**

**14505. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista’ l-Ministru jgħid kemm ġew irrappurtati delitti tul is-sena 2023 fil-lokalità ta’ Marsaxlokk, u kemm minnhom kienu marbuta ma’ serq?

03/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi matul is-sena 2023 in-numru ta’ rapporti ta’ delitti rreġistrati mal-pulizija għal lokalità ta’ Marsaxlokk, kienu ta’ mija u sittin (160). Minn dawn sitta u sittin (66) rapport kienu dwar serq.

Seduta 199
24/01/2024

**ĦAŻ-ŻEBBUĠ – DELITTI RAPPURTATI**

**14506. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew irrappurtati delitti tul is-sena 2023 fil-lokalità ta' Ħaż-Żebbuġ (Malta), u kemm minnhom kienu marbuta ma' serq?

03/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi matul is-sena 2023 in-numru ta' rapporti ta' delitti rreġistrati mal-pulizija għal lokalità ta' Ħaż-Żebbuġ, kienu ta' mitejn u tlieta u disgħin (293). Minn dawn sebgħin (70) rapport kienu dwar serq.

Seduta 199
24/01/2024

**RAĦAL ĠDID - ŻBIR TA' SIĠRA LI QIEGĦDA TAGĦMEL IL-ĦSARA LILL-PROPRJETÀ**

**14537. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14146, fejn ġejt informat li l-eks ground ta' Pace Grasso, f'Raħal Ġdid, jaqa' taħt id-dekasteru tal-Ministeru għas-Saħħa u tal-Ministeru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet, jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx tibdil fil-pożizzjoni għar-rigward taż-żbir tas-siġra li hemm fuq wara tal-proprjetà li d-dettalji dwarha qed tingħata separatament?

04/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 199
24/01/2024

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIIJA, L-INTRAPRIŻA U PROĠETTI STRATEĠIĊI – CHAIRPERSONS U MEMBRI TA' ENTITAJIET PUBBLIĊI**

**14667. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 12017 u 13492 u jgħid min huma ċ-Chairpersons u l-membri ta' kull entità pubblika - irrispettivament mill-mod kif deskritti - li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, u f'kull każ jgħid:
(a) kull persuna kemm ilha fil-ħatra, u
(b) meta tiġi fi tmiemha l-ħatra attwali ta' kull persuna?

10/01/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li minħabba it-tibdil li kien hemm riċenti, jeħtieġ iktar ħin biex tiġi mwieġba din il-mistoqsija Parlamentari, biex nkunu żgurati li nkunu qed nagħtu risposta preċiża.

Seduta 199
24/01/2024

**DONAZZJONI TA' MINE DETECTORS LILL-UKRAJNA**

**14676. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru, b'referenza għad-donazzjoni ta' 25 mine detectors lill-Ukrajna, jgħid meta u għalfejn Malta akkwistat numru ta' mine detectors u kemm kienet in-nefqa ta' dawn id-detectors?

10/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Malta kontinwament għażlet li tibgħat għajnuna umanitarja lil popli oħra fi żmien diffiċli, inkluż lill-poplu Ukren. Malta bagħtet din l-għajnuna wara li rċeviet korrispondenza mir-Rappreżentant Għoli tal-UE, Josep Borrell, u mill-Kummissarju Għoli għal Ġestjoni ta' Kriżijiet, Janez Lenarčič, li kienet tiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri għat-talba, li saret mill-Ukrajna, għal assistenza ta'

demining. It-talba għall-mine detectors kienet saret permezz tal-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili li għandu l-għan li jsaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-pajjiżi tal-UE u Stati parteċipanti dwar il-protezzjoni ċivili, biex itejjeb il-prevenzjoni, it-tħejjija, u r-rispons għad-diżastri. Filfatt, il-mine detectors intbagħtu minn Malta lill-Ukrajna permezz ta' dan il-Mekkanizmu. In-nefqa totali kienet ta' €104,444.75. It-trasport sar permezz tal-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili.

Seduta 199
24/01/2024

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI**

**14717. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-ispecial leave requests u approvals relatati mal-persuni kollha li ssemmew f'dik l-istess tweġiba għall-perjodu mill-ewwel ġurnata tal-impjieg ta' dawn il-persuni sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

11/01/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 199
24/01/2024

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA - DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI**

**14718. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-ispecial leave requests u approvals relatati mal-persuni kollha li ssemmew f'dik l-istess tweġiba għall-perjodu mill-ewwel ġurnata tal-impjieg ta' dawn il-persuni sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

11/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta 199
24/01/2024

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLJIET PUBBLIĊI - DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI**

**14719. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-ispecial leave requests u approvals relatati mal-persuni kollha li ssemmew f'dik l-istess tweġiba għall-perjodu mill-ewwel ġurnata tal-impjieg ta' dawn il-persuni sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

11/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif qed jinġabar.

Seduta 199
24/01/2024

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI**

**14720. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-work from home u/jew telework u/jew remote working requests relatati mal-persuni kollha li ssemmew f'dik l-istess tweġiba għall-perjodu mill-ewwel ġurnata tal-impjieg ta' dawn il-persuni sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

11/01/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta, sabiex tirreferi għat tweġiba li ngħatat lill-mistoqsija parlamentari 14712.

Seduta 199
24/01/2024

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI**

**14721. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-work from home u/jew telework u/jew remote working requests relatati mal-persuni kollha li ssemmew f'dik l-istess tweġiba għall-perjodu mill-ewwel ġurnata tal-impjieg ta' dawn il-persuni sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

11/01/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-informazzjoni qiegħda tinġabar.

Seduta 199
24/01/2024

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, L-INTRAPRIŻA U PROĠETTI STRATEĠIĊI - DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI**

**14722. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-work from home u/jew telework u/jew remote working requests relatati mal-persuni kollha li ssemmew f'dik l-istess tweġiba għall-perjodu mill-ewwel ġurnata tal-impjieg ta' dawn il-persuni sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

11/01/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tagħrif qed jinġabar.

Seduta 199
24/01/2024

**L.S.35.01 – BDIL**

**14746. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 775 li ngħatat fis-seduta ta' nhar it-30 ta' Mejju 2022, jista' l-Ministru jgħid għaliex ma jqisx li hemm ħtieġa urġenti li jiġu riveduti r-Regolamenti Dwar id-Drittijiet li Jitħallsu fid-Dipartimenti tal-Gvern, L.S.35.01, meta wieħed iqis li l-ħlas tad-drittijiet li hemm elenkati jirreferu għall-Ministeri li ħafna minnhom ma għadhomx jeżistu?

11/01/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 775.

Seduta 199
24/01/2024

**MCCAA - POSTIJIET VAKANTI FIL-KARIGI TA' DIRETTUR ĠENERALI JEW DIRETTUR**

**14747. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur jgħid jekk attwalment hemmx postijiet vakanti fil-karigi ta' Direttur Ġenerali jew Direttur fi ħdan l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA)? Jekk hemm, jista' jgħid liema huma u kemm ilhom vakanti?

11/01/2024

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-kariga ta' Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) bħalissa hija vakanti. Din il-pożizzjoni ilha vakanti mill-11 ta' Ottubru 2023.

Seduta 199
24/01/2024

**MINISTERU GĦALL-ARTIJIET U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM ELETTORALI - DIRECT ORDERS**

**14808. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid kemm ingħataw direct orders u l-ammont totali tal-valur tagħhom, matul is-sena 2023, xahar b'xahar, mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

12/01/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta 199
24/01/2024

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI - DIRECT ORDERS**

**14809. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm ingħataw direct orders u l-ammont totali tal-valur tagħhom, matul is-sena 2023, xahar b'xahar, mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

12/01/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta 199
24/01/2024

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA - DIRECT ORDERS**

**14810. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm ingħataw direct orders u l-ammont totali tal-valur tagħhom, matul is-sena 2023, xahar b'xahar, mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

12/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta 199
24/01/2024

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT - DIRECT ORDERS**

**14811. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm ingħataw direct orders u l-ammont totali tal-valur tagħhom, matul is-sena 2023, xahar b'xahar, mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha?

12/01/2024

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta 199
24/01/2024

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR - DIRECT ORDERS**

**14818. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm ingħataw direct orders u l-ammont totali tal-valur tagħhom, matul is-sena 2023, xahar b'xahar, mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha?

12/01/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta 199
24/01/2024

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - DEPUTATI TAL-GVERN**

**14833. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid min kienu/huma d-Deputati tal-Gvern, li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kienu/huma impjegati fiċ-ċivil, jew fis-servizz pubbliku, jew f'kumpaniji/banek fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu/qegħdin iservu, il-kariga li kienu/qed jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ingaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, eċċ.) u kemm kien/hu l-pakkett finanzjarju tagħhom?
Jista' jqiegħed ukoll fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol u/jew timesheets, il-work from home u/jew telework u/jew remote working u l-ispecial leave requests u approvals relatati mal-persuni hawn fuq imsemmija għall-perjodu bejn April 2013 sal-ġurnata li baqgħu fl-impjieg tagħhom?

15/01/2024

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta 199
24/01/2024

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - DEPUTATI TAL-GVERN**

**14834. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid min kienu/huma d-Deputati tal-Gvern, li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kienu/huma impjegati fiċ-ċivil, jew fis-servizz pubbliku, jew f'kumpaniji/banek fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu/qegħdin iservu, il-kariga li kienu/qed jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ingaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, eċċ.) u kemm kien/hu l-pakkett finanzjarju tagħhom?
Jista' jqiegħed ukoll fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol u/jew timesheets, il-work from home u/jew telework u/jew remote working u l-ispecial leave requests u approvals relatati mal-persuni hawn fuq imsemmija għall-perjodu bejn April 2013 sal-ġurnata li baqgħu fl-impjieg tagħhom?

15/01/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif qiegħed jinġabar.

Seduta 199
24/01/2024

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - DEPUTATI TAL-GVERN**

**14835. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid min kienu/huma d-Deputati tal-Gvern, li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, li kienu/huma impjegati fiċ-ċivil, jew fis-servizz pubbliku, jew f'kumpaniji/banek fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu/qegħdin iservu, il-kariga li kienu/qed jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ingaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, eċċ.) u kemm kien/hu l-pakkett finanzjarju tagħhom?
Jista' jqiegħed ukoll fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol u/jew timesheets, il-work from home u/jew telework u/jew remote working u l-ispecial leave requests u approvals relatati mal-persuni hawn fuq imsemmija għall-perjodu bejn April 2013 sal-ġurnata li baqgħu fl-impjieg tagħhom?

15/01/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qiegħda tinġabar.

Seduta 199
24/01/2024

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - DEPUTATI TAL-GVERN**

**14836. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid min kienu/huma d-Deputati tal-Gvern, li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kienu/huma impjegati fiċ-ċivil, jew fis-servizz pubbliku, jew f'kumpaniji/banek fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu/qegħdin iservu, il-kariga li kienu/qed jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ingaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, eċċ.) u kemm kien/hu l-pakkett finanzjarju tagħhom?
Jista' jqiegħed ukoll fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol u/jew timesheets, il-work from home u/jew telework u/jew remote working u l-ispecial leave requests u approvals relatati mal-persuni hawn fuq imsemmija għall-perjodu bejn April 2013 sal-ġurnata li baqgħu fl-impjieg tagħhom?

15/01/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif qed jinġabar.

Seduta 199
24/01/2024

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, L-INTRAPRIŻA U PROĠETTI STRATEĠIĊI - DEPUTATI TAL-GVERN**

**14837. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid min kienu/huma d-Deputati tal-Gvern, li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari kienu/huma impjegati fiċ-ċivil, jew fis-servizz pubbliku, jew f'kumpaniji/banek fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu/qegħdin iservu, il-kariga li kienu/qed jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ingaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, eċċ.) u kemm kien/hu l-pakkett finanzjarju tagħhom?
Jista' jqiegħed ukoll fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol u/jew timesheets, il-work from home u/jew telework u/jew remote working u l-ispecial leave requests u approvals relatati mal-persuni hawn fuq imsemmija għall-perjodu bejn April 2013 sal-ġurnata li baqgħu fl-impjieg tagħhom?

15/01/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif qed jinġabar.

Seduta 199
24/01/2024

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT - DEPUTATI TAL-GVERN**

**14838. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid min kienu/huma d-Deputati tal-Gvern, li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari kienu/huma impjegati fiċ-ċivil, jew fis-servizz pubbliku, jew f'kumpaniji/banek fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hi responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu/qegħdin iservu, il-kariga li kienu/qed jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ingaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, eċċ.) u kemm kien/hu l-pakkett finanzjarju tagħhom?
Tista' tqiegħed ukoll fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol u/jew timesheets, il-work from home u/jew telework u/jew remote working u l-ispecial leave requests u approvals relatati mal-persuni hawn fuq imsemmija għall-perjodu bejn April 2013 sal-ġurnata li baqgħu fl-impjieg tagħhom?

15/01/2024

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta 199
24/01/2024

**SAN PAWL IL-BAĦAR - TRIQ SAN PUBLIJU - PROĠETT**

**14904. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 14511 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14113 dwar proġett fi Triq San Publju, f'San Pawl il-Baħar, jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar x'kienet ir-raġuni li qabel kienu ntalbu permessi DNO għall-istess xogħol?

16/01/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li minkejja li kellhom isiru xogħlijiet ta' manutenzjoni, xorta intalbu permessi DNO.

Seduta 199
24/01/2024

**SKEMA 'IRRESTAWRA DAREK'**

**14955. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 14230 li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi u ċjoè: B'referenza għall-aħħar skema 'Irrestawra Darek', jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru ta' persuni li ġew approvati, wara li telgħet ix-xorti (telgħet il-polza) u jgħid ukoll minn liema lokalitajiet kienu dawk li ntgħażlu, lokalità, lokalità?

16/01/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** B'referenza għall-mistoqsija parlamentari numru 14230 u 14955, ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-iskop tal-polza ma kienx li jintgħażlu jew jiġu esklużi xi reġistrazzjonijiet. Fil-polza, il-172 reġistrazzjoni tpoġġew f'ordni li fih it-talbiet ser jibdew jiġu mixtarra mill-Awtorità tal-Ippjanar.

Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra r-riżultati tal-polza li turi il-lokalità ta' kull reġistrazzjoni. Kull waħda minn dawn ir-reġistrazzjonijiet issa tiġi ċċekjata biex l-Awtorità tiżgura li l-propjetà tikkwalifika għal fondi skont il-linji gwida li tħabbru meta tnegħdiet l-iskema, u l-persuni li ssottomettew ir-reġistrazjoni jkunu nfurmati jew li t-talba hija invalida (eż għax il-propjetà tkun ġa bbenefikat minn fondi oħra simili fil-passat) jew li fil-prinċipju t-talba tikkwalifika u għalhekk il-persuna tkun mistiedna tikkuntatja Perit biex tiġi sottomessa applikazzjoni formali bit-dettalji meħtieġa ħalli aktar tard ikun jista' jiġi deċiż jekk ix-xogħlijiet konċernati jikwalifikawx għal fondi.

In-numru ta' proprjetajiet li ser jibbenefikaw mill-iskema jvarja skont kemm jiġu approvati li jintużaw fondi f'talbiet preċedenti (dejjem skont l-ordni definit fil-polza tal-11 ta' Diċembru 2023).

Seduta 199
24/01/2024

**NAXXAR - TRIQ IL-FORTIZZA TAL-MOSTA - ROTOT TAL-LINJA**

**14956. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14507 li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi, rigward rotot tal-linja li jservu ż-żona ta' Triq il-Fortizza tal-Mosta, n-Naxxar, jista' l-Ministru jgħid jekk hux possibbli li jkun hemm bus shelters fi Triq il-Fortizza tal-Mosta, n-Naxxar?

16/01/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tan-Naxxar illi fi Triq il-Fortizza tal-Mosta m'hemmx bus stop u għalhekk l-istess l-Kunsill qatt ma seta' jikkunsidra li jinstalla jew ħass il-ħtieġa li jkun hemm bus shelters.

Seduta 199
24/01/2024

**CDAU - TRASFERIMENT**

**14964. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4206, jista' l-Ministru jgħid xi żviluppi kien hemm rigward it-trasferiment taċ-Child Development Assessment Unit (CDAU)?

16/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat illi l-pjanijiet sabiex is -CDAU jimxi għal post ieħor għadhom fi stadju ta' diskussjoni.

Seduta 199
24/01/2024

**CDAU - SERVIZZI**

**14965. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'servizzi diversi jingħataw miċ-Child Development Assessment Unit (CDAU)?

16/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li s-CDAU joffru dawn is-servizzi:

(a) Neurodevelopmental Paediatician.
(b) Fizjoterapija.
(c) Occupational therapy.
(d) Speech and Language Pathologist.
(e) Psikjatrija.
(f) Infermiera.

It- tfal kollha jigu irriferuti l-Mater Dei Audiology Sectiom l - ENT Outpatients biex issirilhom test tas-smiegħ.

Seduta 199
24/01/2024

**GĦAQDIET VOLONTARJI REGISTRATI - 2023**

**14966. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista aġġornata tal-għaqdiet volontarji kollha reġistrati sal-aħħar tas-sena 2023? Tista' tgħid ukoll kemm kien it-total tal-għaqdiet volontarji reġistrati sal-aħħar tas-sena 2023?

16/01/2024

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li sal-aħħar tas-sena 2023 kien hemm total ta' 1862 għaqda volontarja reġistrata. Ninfurmaha wkoll li qed npoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista aġġornata tal-għaqdiet volontarji kollha reġistrati sal-aħħar tas-sena 2023.

Seduta 199
24/01/2024

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - FOTOGRAFI JEW VIDJOGRAFI - DIRECT ORDERS**

**15002. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 14352 u jipprovdi lista ta' kemm-il direct order għall-fotografi jew vidjografi inkarigati mill-Ministeru li ngħataw f'din l-aħħar sena u dan billi jipprovdi l-isem tal-kuntrattur, id-dati tal-inkarigu, l-attivitajiet li saru u kif ukoll l-ammonti mħallsa?

17/01/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ġentilment ninforma lill-Onor Interpellant li t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 199
24/01/2024

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - FOTOGRAFI JEW VIDJOGRAFI – DIRECT ORDERS**

**15003. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 14351 u jipprovdi lista ta' kemm-il direct order għall-fotografi jew vidjografi inkarigati mill-Ministeru li ngħataw f'din l-aħħar sena u dan billi jipprovdi l-isem tal-kuntrattur, id-dati tal-inkarigu, l-attivitajiet li saru u kif ukoll l-ammonti mħallsa?

17/01/2024

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul din l-aħħar sena ma' ngħatat l-ebda direct order għall-fotografi jew vidjografi.

Seduta 199
24/01/2024

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - FOTOGRAFI JEW VIDJOGRAFI – DIRECT ORDERS**

**15004. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 14350 u jipprovdi lista ta' kemm-il direct order għall-fotografi jew vidjografi inkarigati mill-Ministeru li ngħataw f'din l-aħħar sena u dan billi jipprovdi l-isem tal-kuntrattur, id-dati tal-inkarigu, l-attivitajiet li saru u kif ukoll l-ammonti mħallsa?

17/01/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** It-tagħrif qed jinġabar.

Seduta 199
24/01/2024

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANI - FOTOGRAFI JEW VIDJOGRAFI – DIRECT ORDERS**

**15005. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista'l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 14349 u jipprovdi lista ta' kemm-il direct order għall-fotografi jew vidjografi inkarigati mill-Ministeru li ngħataw f'din l-aħħar sena u dan billi jipprovdi l-isem tal-kuntrattur, id-dati tal-inkarigu, l-attivitajiet li saru u kif ukoll l-ammonti mħallsa?

17/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14366 li ngħatat fis-seduta 198 tat-23 ta' Jannar 2024.

Seduta 199
24/01/2024

**PROBLEMA TA' ĠRIEDEN FIT-TOROQ RESIDENZJALI**

**15006. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 14342 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir u li issa ġiet riferuta lilu u jgħid jekk hemmx xi studju ambjentali dwar il-problema ta' ġrieden fit-toroq residenzjali Maltin? Jista' jgħid jekk dan l-aħħar ir-rapporti ta' ġrieden fit-toroq hux qegħdin jiżdiedu?

17/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat illi kull rapport li jirċievi id-Direttorat tas-Saħħa Ambjentali jittieħdu l-passi neċessarji fuqu billi jintbagħtu l-ħaddiema mit-Taqsima tal-*Pest Control Unit* fi ħdan l-istess Direttorat u jekk ikun hemm il-bżonn wara ftit gimgħat jerġa' jsir trattament skont il-ħtieġa neċessarja.
Sabiex titnaqqas il-problema ta' infestazzjonijiet mill-ġrieden, jitwettqu wkoll diversi trattamenti għall-kontra l-ġrieden kemm fiż-żoni urbani u anke rurali permezz ta' programm ta' rutina. Issiru wkoll trattamenti kontra l-ġrieden fis-sistema tad-drenaġġ pubbliku.

Seduta 199
24/01/2024

**KUMPANIJI - HANDOVER**

**15092. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk ingħatatx handover sħiħa għar-rigward tal-pożizzjoni dwar il-kumpanija li l-informazzjoni dwarha qed jingħataw separatament? Jekk le, meta se jsir dan?

17/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li meta ħtart Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jiena ġejt mogħti ħandover ta' dak kollu li għandu x'jaqsam ma' dan il-portofol.

Seduta 199
24/01/2024

**KUMPANIJI – FLUS IRKUPRATI**

**15093. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm se jkunu l-mijiet ta' Euro li se jirkupra l-Gvern mill-kumpanija li informazzjoni dwarha qed jingħataw separatament? Jista' jgħid ukoll xi ħlasijiet saru s'issa?

17/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirrerferi l-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12742.

Ningħaqad mal-appell tal-Prim Ministru biex quddiem dawn il-proċeduri ta' arbitraġġ ikun hemm sens ta' għaqda nazzjonali u mhux partiġjaniżmu u logħob legali li jista' jdgħajjef il-pożizzjoni tal-Gvern Malti.

Seduta 199
24/01/2024

**SPTARIJIET F'MALTA U GĦAWDEX**

**15094. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-Isptar Mater Dei u l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex humiex jaqdu l-bżonnijiet bħala ż-żewġ sptarijiet ewlenin f'pajjiżna? Jista' jgħid hemmx pjanijiet li jiżdiedu xi sptarijiet f'Malta u Għawdex fid-dawl taż-żieda kostanti fil-popolazzjoni?

17/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s-servizzi tas-saħħa mhumiex offruti biss mill-Isptar Mater Dei u l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. Jiġu offruti wkoll servizzi minn l-Isptar Karen Grech, ir-Residenza San Vinċenz de Paule, l-Isptar Monte Karmeli, partijiet mill-Isptar San Luqa, numru ta' Ċentri tas-Saħħa/ Bereġ tas-Saħħa madwar il-pajjiż kollu u anke servizzi fil-komunità. Apparti minn hekk, jeżistu servizzi li ġew kuntrattati lil sptarijiet u kliniċi privati, liema servizzi ninsabu fil-proċess li jkunu estiżi.

Seduta 199
24/01/2024

**ĊENTRU MEDIKU ĠDID**

**15095. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk sa tmiem is-sena hux ser jinfetaħ xi ċentru mediku ieħor? Jekk iva, jista' jgħid fejn? Jekk le, min ser jerfa r-responsabbiltà għal dan in-nuqqas? Jista' jgħid ukoll jekk hux se ssir talba biex fil-baġit li jmiss ikun hemm allokazzjoni għal nefqa kapitali sabiex l-infrastruttura fiżika tal-isptarijiet tikber u titjieb?

17/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm pjanijiet avvanzati biex jinfetħu diversi ċentri mediċi oħra. Aktar dettalji jitħabbru meta jkun il-waqt.

Seduta 199
24/01/2024

**SETTUR MEDIKU – STAFF**

**15096. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ħaddiema fis-settur mediku? Kemm minnhom huma mal-Gvern, kemm minnhom huma mal-privat u kemm minnhom jaħdmu kemm mal-Gvern kif ukoll mal-privat?

17/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta 199
24/01/2024

**SETTUR MEDIKU - STAFF**

**15097. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hu n-nuqqas ta' tobba, tan-nurses, tal-paramediċi u tal-administration fis-settur tas-saħħa pubblika?

17/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li n-numru hu skont id-diskrezzjoni tal-Amministrazzjoni, minħabba dawn in-numri jistghu jkunu varji.

Seduta 199
24/01/2024

**EMPLOYMENT RELATIONS BOARD**

**15126. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur jgħid x'liġijiet/avviżi legali ġodda hemm ippjanati biex jiġu diskussi fl-Employment Relations Board fl-2024?

17/01/2024

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Gvern ser ikompli juża l-proċedura stabbilita mill-Parlament meta jressaq abbozzi ta' liġijiet jew liġijiet sussidjarji ġodda.

Seduta 199
24/01/2024

**KUNSILL MALTI GĦALL-IŻVILUPP EKONOMIKU U SOĊJALI**

**15127. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur jelenka l-prijoritajiet u l-kwistjonijiet li ser jiġu diskussi fil-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali (MCESD) fl-2024?

17/01/2024

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-aġenda tal-laqgħat tal MCESD isiru miċ-chairperson tal-kunsill.

Seduta 199
24/01/2024

**LN-270 – STUDJI**

**15128. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur jgħid xi studji saru għal Avviż Legali 270 tal-2023 - Regolamenti tal-2023 dwar Aġenziji tal-Impjieg u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra dawn l-istudji?

17/01/2024

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi r-regolamenti ġew ippublikati wara taħditiet estensivi mal-imsieħba soċjali u wara li saru diversi laqgħat ma' diversi operaturi u *stakeholders* oħra li huma involuti f'dan il-qasam. Ġew ikkunsidrati wkoll mudelli leġislattivi li qed jintużaw f'pajjiżi Ewropej f'dan ir-rigward.

Seduta 199
24/01/2024

**KUNSILL MALTI GĦALL-IŻVILUPP EKONOMIKU U SOĊJALI - LAQGĦAT**

**15129. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-Minuti ta' kull laqgħa li saret fl-2023 tal-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali (MCESD)?

17/01/2024

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi f'dawn l-aħħar snin l-MCESD ħa l-inizjattiva sabiex ikompli jiftaħ u jifrex id-djalogu li saħansitra jtella' online fuq is-sit elettroniku tal-istess Kunsill il-preżentazzjonijiet li jkunu saru fil-laqgħat. Dan wara li jkun intalab il-permess tal-persuna li tkun preparat u għamlet il-preżentazzjoni u sakemm l-imsieħba soċjali ma jkollhomx oġġezzjoni għal dan.
Imbagħad id-diskussjoni li ssir fil-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali tkun il-fora fejn l-imsieħba soċjali jesprimu l-fehma tagħhom fi hdan il-Kunsill. Meta l-imsieħba soċjali jkunu jridu jagħmlu pubbliċi l-pożizzjonijiet tagħhom dwar temi ta' interess ġenerali huma jagħmlu dan individwalment.

Seduta 199
24/01/2024

**EMPLOYMENT RELATIONS BOARD - LAQGĦAT**

**15130. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-Minuti ta' kull laqgħa tal-Employment Relations Board (ERB) li saru fl-2023?

17/01/2024

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi Sub – artikolu (5) tal-Artikolu 3 tal-Att Dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali jistipola li l-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi għandu jirregola l-proċedura tiegħu stess.

F'Novembru 2003, il-Bord kien iddeċieda li l-proċeduri tal-Bord u d-diskussjonijiet li jsiru waqt il-laqgħat ikunu kunfidenzjali.

Seduta 199
24/01/2024

**COLA - LISTA TAL-PRODOTTI**

**15131. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jagħti lista tal-prodotti li ntużaw biex tiġi kkalkulata l-COLA?

17/01/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 199
24/01/2024

**ĦADDIEMA LI GĦAMLU TALBA BIEX JIDHRU QUDDIEM IL-MEDICAL BOARD**

**15157. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm kien hemm ħaddiema fis-settur pubbliku u s-servizz pubbliku li għamlu talba biex jidhru quddiem il-medical board mill-2013 sal-2023, maqsuma sena b'sena?

17/01/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 199
24/01/2024

**EMPLOYEE SAPPORT PROGRAMME – TAĦRIĠ OFFRUT LILL-ĦADDIEMA**

**15158. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm kien hemm ħaddiema fis-settur pubbliku u s-servizz pubbliku li ħadu taħriġ offrut mill-Employee Sapport Programme, mill-2013 sal-2023, maqsuma sena b'sena?

17/01/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 199
24/01/2024

**EMPLOYEE SAPPORT PROGRAMME - TAĦRIĠ FIS-SUICIDE PREVENTION**

**15159. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm kien hemm ħaddiema fis-settur pubbliku u s-servizz pubbliku li ħadu taħriġ fis-suicide prevention offrut mill-Employee Sapport Programme, mill-2013 sal-2023, maqsuma sena b'sena?

17/01/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 199
24/01/2024

**EMPLOYEE SAPPORT PROGRAMME - TAĦRIĠ FIL-MENTAL HEALTH AWARENESS**

**15160. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm kien hemm ħaddiema fis-settur pubbliku u s-servizz pubbliku li ħadu taħriġ fil-mental health awareness offrut mill-Employee Sapport Programme, mill-2013 sal-2023, maqsuma sena b'sena?

17/01/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tagħrif għadu qed jinġabar.
Seduta 199
24/01/2024

**EMPLOYEE SAPPORT PROGRAMME – TAĦRIĠ FL-EMOTIONAL ASPECTS OF RETIREMENT**

**15161. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm kien hemm ħaddiema fis-settur pubbliku u s-servizz pubbliku li ħadu taħriġ fl-Emotional Aspects of Retirement offrut mill-Employee Sapport Programme, mill-2013 sal-2023, maqsuma sena b'sena?

17/01/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 199
24/01/2024

**DIJABETE - SCREENING NAZZJONALI**

**15162. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk għandux pjan li jagħmel screening nazzjonali għall-kundizzjoni tad-Dijabete?

17/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat illi l-istrateġija l-ġdida tad-Dijabete tinsab fi stadju avanzat biex titlesta u fiha miżuri varji bil-għan li tiġi ikkontrollata l-problema tad-dijabete. Waħda minn dawn il-miżuri tinkludi l-iscreening għal din il-kundizzjoni. Ser jiġi mwaqqaf grupp ta' esperti biex jevalwaw l-evidenza u best practicesbiex jaraw l-aħjar mod kif jista' jsir opportunistic screening f'Malta, flok screening tal-popolazzjoni kollha.

Fil-każ tad-dijabete qed nimmirraw li mmorru għal opportunistic screening peress li mill-evidenza li għandna f'idejna, s'issa, jidher li dan it-tip ta' screening huwa iktar fattibli u cost effective milli jekk wieħed jagħmel screening tal-popolazzjoni kollha.

Seduta 199
24/01/2024

**KUMPANIJI TAL-GAMING LI GĦALQU**

**15232. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il kumpanija tal-gaming għalqet minn mindu twaqqfet il-liġi dwar il-gaming? Jista' jagħti din l-informazzjoni sena b'sena?

17/01/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta biex tispecifika xi trid tfisser meta tgħid Kumpaniji li għalqu u kumpanija tal-gaming.

Seduta 199
24/01/2024

**MALTA SHIPPING REGISTRY - REĠISTRAZZJONIJIET**

**15233. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid minn meta ġie stabbilit il-Malta Shipping Registry, kemm kien in-numru ta' reġistrazzjonijiet sena b'sena sal-aħħar tas-sena 2023? Kemm kien it-tunnellaġġ totali tal-vapuri reġistrati kull sena, sena b'sena? Kemm kien id-dħul minn dawn ir-reġistrazzjonijiet sena b'sena?

17/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-Reġistru tal-Bastimenti Merkantili ġie istitwit fis-sena 1973. Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra lista li tirrapreżenta l-figuri fl-aħħar ta' kull sena, mis-sena 1973 sas-sena 2023 u li turi n-numru ta' reġistrazzjonijiet għal kull sena u t-tunellaġġ totali tal-vapuri reġistrati.

Seduta 199
24/01/2024

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA - ĦADDIEMA BARRANIN**

**15234. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm barranin jaħdmu ma' dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu? X'inhu r-rwol ta' kull wieħed minnhom? F'liema entità qed jaħdmu?

17/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta 199
24/01/2024

**GU CLINIC - PAZJENTI**

**15235. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm pazjenti attendew il-GU clinic sena b'sena fl-aħħar għaxar snin?

17/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qegħda tinġabar u tingħata f'seduta oħra.

Seduta 199
24/01/2024

**GU CLINIC**

**15236. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm min-nies li marru l-GU clinic ġew diagnosed pożittivi? Kemm minn dawn ġew pożittivi għall-HIV, Herpes, chlamydia, gonorrhoea, syphilis, trichomoniasis u HPV? Jista' jagħti l-informazzjoni marda b'marda?

17/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qegħda tinġabar u tingħata f'seduta oħra.

Seduta 199
24/01/2024

**SUSSIDJU LILL-KUMPANIJI TAT-TRASPORT PUBBLIKU**

**15237. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa l-ammont ta' sussidji li ngħataw mill-Gvern lill-kumpaniji Arriva u Auto Busss Urbanos de Leon minn mindu bdew joperaw sena b'sena?

17/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fis-sena 2023, l-operatur tat-trasport pubbliku tħallas l-ammont ta' €41,830,322.40 bħala Public Service Obligation. Ghas-sena 2022 nirreferi lil Onor. Interpellant ghal Mistoqsija Parlamentari Numru 5721. Nirreferi ukoll l-Onor. Interpellant għar-risposta li ngħatat għall-Mistoqsija Parlamentari Numru 3683 ghas snin bejn 2015 u 2021.
Nirreferi ukoll għar-risposta ta' Mistoqsija Parlamentari li saret fl-2016 bin-Numru 28413 ghas-snin 2012 sa 2014.

Seduta 199
24/01/2024

**SUSSIDJI**

**15269. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tagħti spjegazzjoni dettaljata ta' kif qed jintefqu s-sussidji fuq l-enerġija? Tista' tagħti breakdown u tinkludi d-dettalji pertinenti dwar dan għas-sena 2023?

17/01/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul l-2023 investejna €243,173,494 biex komplejna nassiguraw stabbiltà fil-prezzijiet kollha tal-enerġija. Permezz ta' dan l-investiment f'sussidji bqajna nagħtu sostenn u serħan il-moħħ lill-familji u n-negozji fejn jidħlu l-prezzijiet tad-dawl, tal-fuel u taċ-ċilindri tal-gass.
Matul is-sena li għadha kemm intemmet, investejna €162,723,168 sabiex komplejna niggarantixxu prezzijiet stabbli tal-elettriku. Bl-istess mod, l-għajnuna fil-qasam tax-xiri tal-fuels ammontat għal €64,455,031, filwaqt li sostnejna wkoll ix-xiri tal-gass LPG b'sussidju li ammonta għal €15,995,295.

Seduta 199
24/01/2024

**IL-FGURA – TRIQ IL-KAMPANELLA - XOGĦLIJIET**

**15276. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid f'liema stadju jinsabu x-xogħlijiet fi Triq il-Kampanella, il-Fgura, u meta huwa mistenni li jkunu lesti u kemm ser tkun l-ispiża relattiva?

17/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet fi Triq il-Kampanella, il-Fgura, tlestew fi tmiem il-ġimgħa li għaddiet. F'din it-triq saru xogħlijiet ta' trinek tal-ilma tax-xorb u d-drenaġġ, trinek tal-Enemalta u t-telekomunikazzjoni, sistema ta' stormwater li tingħaqad ma' dik eżistenti, bankini ġodda, skavar u bini tat-triq mill-ġdid u linji taż-żebgħa, tul it-triq kollha. L-investiment fuq dan il-proġett kien ta' madwar €800,000.

Seduta 199
24/01/2024

**IL-FGURA – TRIQ IL-KAMPANELLA - XOGĦLIJIET**

**15277. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid f'liema stadju jinsabu x-xogħlijiet fi Triq il-Kampanella, il-Fgura, u meta huwa mistenni li jkunu lesti u kemm ser tkun l-ispiża relattiva?

17/01/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi d-domanda tiegħu lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 199
24/01/2024

**SPTAR MATER DEI - EMERGENCY VEHICLES - ĦADDIEMA ‘L FUQ MINN 63 SENA**

**15278. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista’ l-Ministru jgħid għala ħaddiema ta’ ’l fuq minn 63 sena mhumiex jitħallew isuqu emergency vehicles fl-Isptar Mater Dei?

17/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat illi f’Lulju tas-sena 2023 sar tibdil fil-policy biex b’hekk Emergency Ambulance Responders jistgħu jġeddu l-impjieg sal-età ta’ 65 sena, suġġett għall-eżami mediku u test tal-għajnejn.

Seduta 199
24/01/2024

**GĦASSA TA’ SAN ĠWANN – XOGĦLIJIET**

**15331. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B’referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14631 jista’ l-Ministru jgħid meta nbdew dawn ix-xogħlijiet (data) u meta huwa programmat li jitlestew?

18/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi għalkemm data preċiża mhux possibli li tingħata, qed isir dak kollu possibli biex sas-sajf li ġej, ix-xogħolijiet fl-Għassa ta’ San Ġwann jitlestew, u din tkun tista’ tibda tiġi użata u jingħata servizz minnha.
Seduta 199
24/01/2024

**STONE MARKER – KAŻ TA’ INDIVIDWU**

**15332. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B’referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14629 fejn fiha rrefera għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1305, jista’ l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tar-rapport li sar mis-Sovritendenza tal-Patrimonju Kulturali (SPK) f’dan ir-rigward? Jekk tali rapport ma sarx, jista’ jgħid x’passi ser jittieħdu mill-SPK sabiex terġa’ tieħu lura dan l-istone marker li huwa proprjetà pubblika?

18/01/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 1305.

Seduta 199
24/01/2024

**STONE MARKER – KAŻ TA’ INDIVIDWU**

**15333. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B’referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14628, jista’ l-Ministru jgħid x’passi ser jittieħdu mill-Pulizija fir-rigward tal-individwu li d-dettalji dwaru ssemmew fl-istess mistoqsija parlamentari? Jista’ jikkonferma li l-liġi fil-pajjiż hija ugwali għal kulħadd? Jista’ jgħid ukoll x’inhuma l-passi tal-Puluzija/Ministeru meta persuna jkollha fil-pussess tagħha proprjetà pubblika?

18/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nirreferi lill-Onor. Iterpellant għar-risposta għal mistoqsija parlamentari 14628.

Seduta 199
24/01/2024

**TAS-SLIEMA - FERRIES TERMINAL – XOGĦLIJIET**

**15334. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14633, jista' l-Ministru jgħid x'jifhem meta jgħid "fil-ġimgħat li ġejjin" u għaldaqstant jagħti data, fid-dawl li dawn ix-xogħlijiet ilhom għaddejjin tliet snin?

18/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li li l-proġett hu maħsub li jgħaddi f'idejn Transport Malta sa April.

Seduta 199
24/01/2024

**SPTAR MATER DEI – DIPARTIMENT TAL-EMERĠENZA**

**15335. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14635, jista' l-Ministru jgħid kemm iddaħħlu persuni l-Emerġenza u jagħti lista sħiħa tal-kawża/kawżi li għalihom kellhom imorru fl-Emerġenza fl-istess perjodu mitlub f'din il-mistoqsija parlamentari?

18/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar u t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 199
24/01/2024

**PACEVILLE – TIPJIP TAL-KANNABIS FIL-PUBBLIKU**

**15336. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14638, jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija fl-intier tagħha u jgħid kemm kienu dawk li nqabdu jpejjpu l-kannabis fil-pubbliku ġewwa Paceville fl-istess perjodu msemmi fl-istess mistoqsija parlamentari?

18/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi fil-perjodu ndikat mill-Onorevoli Membru u cioe' minn Ottubru 2023 sad-9 ta'Jannar 2024, inqabbdu tlett' (3) persuni jpejpu l-kannabis fil-pubbliku ġewwa l-Belt Valletta. Ma kien hemm l-ebda persuna li nqabdet Paceville.

Seduta 199
24/01/2024

**GOZO INNOVATION HUB - LISTA TA' KUMPANNIJI U ENTITAJIET**

**15364. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jagħti lista ta' kumpanniji u entitajiet li qed joperaw mill-Gozo Innovation Hub?

19/01/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 199
24/01/2024

**GĦAWDEX - LISTA TA' TOROQ LI SER JIĠU RISTRUTTURATI**

**15365. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jagħti lista ta' toroq f'Għawdex li ser jiġu ristrutturati din is-sena?

19/01/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li prezentament għaddej ix-xogħol fuq Triq ta' Wara s-Sur fir-Rabat, Triq 28 ta' April 1688 fil-Qala, parti min Triq Lord Strickland fil-Qala, Triq Għajn Tuta Kerċem u Triq Ħamri, Għajnsielem. Fil-ġimgħat li ġejjin inkunu qed jitħabbru wkoll aktar xogħlijiet fuq toroq oħra.

Seduta 199
24/01/2024

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - UFFIĊINI U DIPARTIMENTI LI MA BAQGĦUX JAQGĦU TAĦT ID-DEKASTERU**

**15366. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid liema huma l-uffiċini u d-dipartimenti ġewwa Għawdex li matul dawn l-aħħar tliet snin ma baqgħux jaqgħu taħt id-dekasteru tal-Ministeru għal Għawdex?

19/01/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mill-2013 kien hemm tliet Aġenziji li ġew iffurmati u li l-uffiċċji f'Għawdex sussegwentement ġew integrati ma' dawn l-Aġenziji. Dawn kienu Libreriji, il-Qrati ta' Għawdex u l-Uffiċċju tar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet.

Seduta 199
24/01/2024

**GĦAWDEX – QORTI ĠDID**

**15367. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid fiex wasal il-pjan biex jinfetaħ Qorti ġdid ġewwa Għawdex, kif imwiegħed mill-Gvern preżenti?

19/01/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija 8735, il-Ministeru ser ikun qed jagħti iktar dettalji fil-mument opportun.

Seduta 199
24/01/2024

**GĦAWDEX – MARITIME SQUADRON**

**15368. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid fiex wasal il-pjan biex il-Maritime Squadron ġewwa Għawdex jiġu rilokati f'post aktar adattat?

19/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li wara li dipartimenti varji qablu dwar l-użu tal-binja, u l-ERA ma' sabet l-ebda oġġezzjoni għall-iżvilupp tal-binja, issa bdiet fażi oħra fejn jiġi determinat u mfassal l-ispazju meħtieġ. Il-FAM b'kooperazzjoni ma' TM qed jaħdmu sabiex din il-binja tiġi żviluppata, ħalli kemm il-FAM kif ukoll dipartimenti oħra ikun jista jkollhom post aktar attrezzat għall-ħaddiema tagħhom.

Seduta 199
24/01/2024

**GĦAWDEX – DOMESTIC VIOLENCE UNIT**

**15369. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx Domestic Violence Unit ġewwa Għawdex?

19/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Il-Korp tal-Pulizija waqqaf il-Gender based and domestic violence unit fi ħdanu sabiex is-servizz offrut ikun aktar speċjalizzat. Infurmat li il-Korp qiegħed preżentament jaħdem sabiex iwaqqaf tim ta' uffiċjali sabiex jindirizzaw każijiet ta' vjolenza domestika ġewwa Għawdex. Infurmat li matul is-sena 2023 f' Għawdex ġew rapurtati wieħed u disgħin (91) każ ta' vjolenza domestika u elfejn u wieħed u sebgħin (2071) każ f' Malta.

Seduta 199
24/01/2024

**LUKANDA TA' SELMUN, FORTI CAMPBELL U PALAZZ L-AĦMAR FIL-MARFA - PJANIJIET**

**15396. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jindika jekk il-Gvern għandux pjanijiet u jekk iva x'inhuma dawn il-pjanijiet dwar x'ser isir:
a. mill-Binja li qabel kienet lukanda f'Selmun;
b. mill-Forti Campbell; u
c. mill-Palazz l-Aħmar fil-Marfa (limiti tal-Mellieħa)?

19/01/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 199
24/01/2024